MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 11/2010

Korporazzjoni Enemalta

vs

Richard Paul Cauchi, u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2010, giet kjmata fil-kawza s-socjeta' GO plc

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-10 ta' Marzu 2010, li jaqra hekk :-

'Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mija u tletin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€3,430.77) rapprezentanti danni kkagunati minnu f'taghmir tal-Korporazzjoni attrici nhar it-13 ta' Mejju 2006, fil-Mosta, Malta ;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Marzu 2008, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-danni, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-16 ta’ April 2010, eccepixxa :-

‘1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi fl-ewwel lok l-ammont li qed jigi pretiz mis-socjeta’ rikorrenti qatt ma gie spjegat u l-intimat qatt ma nghata spjegazzjoni ta’ kif gie kwantifikat dan l-ammont jew intwera xi dokumentazzjoni tal-hsarat sofferti ;

3. Illi r-rikorrenti qed titlob il-hlas ta’ ammont specifiku minghajr ma ghamlet l-ebda talba ghall-likwidazzjoni tad-danni, meta fil-fatt dawn id-danni ghadhom qatt ma gew likwidati ;

4. Illi l-intimat diga’ gie liberat minn kwalunkwe’ responsabbilita’ ghall-hsarat sofferti mir-rikorrenti permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet : Pulizija vs Richard Paul Cauchi ;

5. Illi kwalunkwe’ xoghol li sar mill-intimat kien qed isir fuq struzzjonijiet specifici moghtija mis-socjeta’ GO plc illi kienet timpjegah u ghalhekk huwa ma jistax jinzamm responsabbli ghal dawn id-danni ;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost fir-rigward tat-talba ghall-ispejjez u l-imghax qed jigi eccepit illi fl-ewwel lok l-ittra li ntbaghtet kienet ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 meta huwa car li l-ammont mhuwiex la cert, la likwidu, u lanqas dovut, u fit-tieni lok l-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru biss mid-data ta’ meta d-danni jigu likwidati u mhux mid-data tal-hsarat, u f’dan il-kaz id-danni ghadhom ma gewx likwdiati ;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.’ ;

Ill b’digriet tat-23 ta’ Novembru 2010, giet ordnata l-kjamata fil-kawza tal-kumpannija GO plc, u permezz tar-risposta pprezentata fis-17 ta’ Dicembru 2010, gie eccepit illi :-

‘Illi t-talba attrici, in kwantu ndirizzata fil-konfront taghha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, din it-talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’kull kaz il-*quantum* tad-danni qed jigi kontestat ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.’ ;

Sama’ l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama’ s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza oralment ;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din il-kawza tirrigwarda hsara li saret f’*cable* tal-Korporazzjoni Enemalta liema *cable* kien jinsab ghaddej minn taht l-art fi Triq Il-Kbira kantuniera ma’ Triq Santa Margerita, Mosta, Malta. Il-korporazzjoni qed izzomm responsabbli ghal din il-hsara lill-konvenut Richard Paul Cauchi. Ghalhekk il-korporazzjoni attrici qed titlob minghandu li jhallasha s-somma ta’ €3,430.77 ghall-ispejjez materjali, *labour cost,* u VAT skond id-dokumenti RS1 sa RS7 ;

Minn naha l-ohra l-konvenut qed jichad li huwa responsabbli ghal din il-hsara allegata, u ghall-hlas tad-danni reklamati mill-Korporazzjoni attrici ;

M’hemmx kontestazzjoni li kien il-konvenut li ghamel ix-xoghol u haffer ghall-arblu fejn gie danneggjat il-*cable*. Il-Korporazzjoni attrici qed tikkontendi li hija ma gietx mitluba minn qabel ma sar ix-xoghol sabiex taghti l-permess biex dan ikun jista jsir u lanqas ma ntalbet biex

tassisti u timmarka l-post fejn kienu jinsabu l-*cables* taht l-art qabel ma sar ix-xoghol mill-konvenut. Il-konvenut *ex admissis* iddikjara li huwa personalment ma kien talab ebda permess biex haffer it-triq ghall-arblu li wahhal biex il-kumpannija GO plc tisposta l-cables taghha minn mal-fond li kien fi stat ta’ tigrif ghal fuq dan l-arblu. Spjega li kien intalab jaghmel dan ix-xoghol minn din il-kumpannija tat-telefonija, li maghha dak iz-zmien kellu kuntratt biex jaghmel dawn ix-xogholijiet, liema xoghol kien mehtieg li jsir u skond hu, kien gie ordnat li jaghmlu bl-urgenza minhabba l-perikolu imminenti li kien hemm, u x-xoghol sar fil-jum tas-Sibt ;

Il-konvenut esibixxa kopja tal-*period contract* (dokument RPC1 a fol.53) li dak iz-zmien kellu mal-kumpannija GO plc. Il-kundizzjonijiet saljenti ghad-determinazzjoni tal-vertenza taht ezami  huma fil-fehma konsiderata ta’  dan it-Tribunal is-segwenti :-

**2. NOTICE PIOR TO COMMENCEMENT OF WORKS**

*Before commencing excavation works the Contractor shall, unless otherwise directed by the Maltacom Engineer or his representative, seek and obtain the permission of the :*
*(a) Director General Roads Department*
*(b) Commissioner of Police*
*(c) Director of Works*
*(d) Local Council, and*
*(e) All other relevant Authorities*
*(f) As required by the Code of Police Laws and other laws and regulations affecting such works as may exist from time to time and to the satisfaction of the Engineer or his representative .......*
*The contractor shall comply with all requirements of these permits and shall be liable for all damages and claims for failure to abide to such conditions.*

**9. COMMENCEMENT OF WORK**

*(a) Under normal circumstances a prior written notice of two working days as per Annex 1 shall be issued*

*by the Maltacom Engineer or his representative to the Contractor for the commencement of work. If work does not start within two working days from notice Maltacom p.l.c. will have the right to apply the penalties stipulated in Clause 15.*
*(b) However in emergency or urgent cases the Contractor shall commence the work as soon as verbal notice is given by the Maltacom Engineer or his representative. If the work is not started immediately the penalties stipulated in Clause 15 will be applied. Emergency and urgent cases will be determined by the Maltacom Engineer or his representative, without the Contractor having any say in the matter ....*

**10. DAMAGES**

*The Contractor shall be reponsible and make good any loss or damage to Maltacom p.l.c. articles, plant, or equipment during loading, transit, unloading, erection and uplifting operations. Also he shall be repsonsible for any damage that may be caused to Maltacom p.l.c., Government and Private Property during the execution of the contract*.

Johrog car minn dawn il-kundizzjonijiet li r-responsabbilita' ghall-akkadut mhija ta' hadd aktar hlief tal-konvenut innifsu. F'dan il-kaz ma tapplikax ir-responsabbilita' vikarja tal-kumpannija GO plc, li maghha dak iz-zmien il-konvenut kellu l-kuntratt ghat-thaffir ta' toqob fl-art u t-tqeghid tal-arbli fit-toroq, ghan-nuqqasijiet li wettaq hu, u ma kien hemm ebda lok ghall-konvenut li jitlob il-kjamata fil-kawza ta' din il-kumpannija. Il-fatt li x-xoghol mwettaq minnu kien ordnat li ghandu jsir b'urgenza, dan ma kien jezonera bl-ebda mod lill-konvenut milli jottjeni l-permessi kollha mehtiega minghand l-awtoritajiet kompetenti qabel ma pproceda li jaghmel it-tqattigh fit-triq. Il-konvenut ma ressaq ebda prova ghall-konvinciment ta' dan it-Tribunal la li x-xoghol imwettaq minnu kien daqstant mehtieg li jsir bl-urgenza li ma kellux hin japplika u jottjeni l-permessi mehtiega minn qabel minghand l-awtoritajiet kompetenti biex ikun jista' jhaffer it-triq, f'liema cirkostanza l-konvenut ried iwettaq xogholu b'diligenza akbar, u wisq aktar li hu

kien gie ordnat li jipprocedi b'dan ix-xoghol mill-inginjier tal-kumpannija GO plc minghajr il-htiega li jitlob u li jkollu l-permessi necessarji minn qabel ma ta bidu ghal dan ix-xoghol, f'liema kaz il-konvenut kellu l-obbligu li jesigi li jottjeni din l-ordni ta' ezenzjoni bil-miktub minghand l-inginjier tal-kumpannija jew ir-rapprezentant tieghu biex seta' b'xi mod jipprova jezonera ruhhu jew jisposta r-responsabbilita' ghal dak li gara minn fuqu ghal fuq haddiehor. Dan in-nuqqas da parti tal-konvenut ma jistax jiskolpah mir-responsabbilita' tieghu ghall-akkadut. Dejjem kien prudenti li l-konvenut jitlob il-permess u jaccerta ruhhu x'kien ghaddej taht it-triq wisq aktar meta din kienet kundizzjoni li saret bil-miktub fil-kuntratt u li riedet tigi osservata qabel il-bidu ta' kull xoghol ta' tqattiegh tat-triq. Indipendentement minn kwalsiasi' talba ghall-permess, il-konvenut kien f'kull kaz dejjem obbligat li jara li ma jaghmilx hsara fit-twettieq tax-xoghol li jkun qed jaghmel ;

Skond l-Art. 1031 tal-Kap. 16 'kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu'. Din il-hsara li tigri tobbliga lill-awtur tal-istess hsara ghar-rizarciment tad-danni subiti mit-terzi. Ukoll 'jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja' (Art. 1032(1), Kodici Civili). Biex jissussisti dan l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza jrid ikun hemm il-prevedibilita` tal-event dannuz, 'prevedibilita` li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.' (**Kollez Vol XLVIII.i.258**). Hu spjegat mill-awturi illi *"negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza"*: ara **Alpa** *"La Responsabilita` Civile"*, *Trattato di Diritto Civile, Milano* 1999 p.261 u **Franzoni** *"Le Obbligazioni da Fatto Illecito"*, Ed. Utet, 2004, p.42. Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extrakontrattwali (Artikolu 1032(1)) id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja u dan jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor.

Kif jinsab ritenut, '*quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto.* [Appell Civili, **Pubblio Azzopardi vs Antonio Arcicovich et**, deciza fl-14 ta' Novembru 1919). "Hu rikjest fl-istess hin, pero`, li sabiex ikun hemm lok ghad-danni, irid jkun hemm in-ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza. (**Kollez. Vol XLIV.i.343**). Hu accettat, li qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, kuntrattur ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega (**Kollez. Vol XLII.i.517**) ;

Ghalhekk hu dmir tat-Tribunal li mill-indagini u ezami tal-provi prodotti jindividwalizza din ir-responsabilita'. Fil-kaz in ezami l-konvenut kellu l-obbligu li qabel jibda x-xoghol moghti jizgura li ma kienux ghaddejin servizzi (kif dejjem ikun hemm fit-triqat – tal-ilma, *cables*, elettriku, etc.) fis-sit in kwistjoni. Hu kellu jagixxi bi prudenza, diligenza u attenzjoni ta' missier tajjeb ta'  familja u jitlob l-informazzjoni u l-assistenza necessarja biex ikun jista' jahdem bla perikolu ghalih u ghall-haddiema tieghu u bla ma jikkawza hsara lill-hwejjeg tat-terzi. Hu seta' jipprevedi li jekk ihaffer it-triq hu jista jikkawza hsara lis-servizzi li jkunu ghaddejin minn hemm, ikunu fejn ikunu. Dan ma kienx xi kaz fortwitu jew rizultat ta' forza magguri, lanqas ma kienet xi possibilita` remota jew inverosimili li ssib servizzi taht il-wicc tat-triq specjalment fejn it-thaffir ghall-arblu  sar fi triq principali ;

Dan it-Tribunal hu tal-fehma li kienu diversi n-nuqqasijiet tal-konvenut li wasslu ghal din il-hsara. Il-fatt li l-konvenut ma kienx instab hati fil-proceduri kriminali li kienu gew istitwiti fil-konfront tieghu mill-Pulizija dwar l-istess incident, u kien gie lliberat, ghalkemm baqa' ma gab ebda prova ta' dan, ma jfissirx ukoll ghalhekk li l-konvenut m'ghandux iwiegeb civilment ghad-danni ;

Biex jikkonkludi, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), moghtija fis-7 ta' Mejju 2004 fil-kawza : **Maltacom plc vs Carme Vella**

**Ltd.**, fejn inghad illi : “l-obbligu tal-applikazzjoni u tal-otteniment ta permess mhux wiehed kapriccjuz jew sempliciment burokratiku imma hu ta’ essenza ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet partikolari. Dan kemm biex tig evitata hsara lill-proprjeta` ta’ terzi kif ukoll ghall-inkolumita` tal-persuni li jkunu qed jaghmlu xoghol riskjuz u ta’ perikolu ghalihom u ghall utenti tat-triq. Is-socjeta` konvenuta kellha ghalhekk b’dover taccerta ruhha fejn kienu l-*cables* tal-korporazzjoni attrici qabel ma tibda x-xoghlijiet. Jekk xejn biex tigi assigurata bl-appozitu immarkar fit-triq minn fejn kienu ghaddejin il-*cables* midfunin taht l-art. Immarkar dan essenzjali u li ried isir mill-impjegati tal-korporazzjoni u li fil-kaz ta’ Triq L-Ingilterra ma setax isir tempestivament ghaliex is-socjeta` konvenuta naqset milli tapplika dwarha.” Aktar minn hekk, fl-istess sentenza dik il-Qorti osservat ukoll illi: “anke indipendentement pero` minn kwalsiasi’ permess, il-fatt li l-kuntrattur ikun munit b’tali permess lanqas ma jista’ jezentah mill-htija jekk dan il-fatt jokkorri u l-hsara tavvera ruhha.” ;

Dan it-Tribunal fid-dawl tal-premess ma jara ebda raguni l-ghaliex ghandu jidhol u jinvesti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamata fil-kawza, ghalkemm jidher *prima facie* mill-atti li fil-konfront tal-kjamata fil-kawza l-Korporazzjoni attrici la qatt ippretendiet li hemm xi responsabbilita’ ghall-hlas ta’ xi danni minn naha ta’ din il-kumpannija jew qatt interpellatha ghall-hlas tad-danni, u l-kumpannija GO plc giet innotifikata l-ewwel darba meta irceviet l-atti tal-kawza wara li giet imsejha fil-kawza fuq talba tal-konvenut, u dan kien aktar minn erba’ snin wara li sehh l-incident ;

Il-Korporazzjoni attrici pprezentat prospett dettaljat msejjes b’dokumenti dwar kif gie stabbilit l-ammont tal-hsara u l-ispejjez li kien hemm involuti biex issewwiet din il-hsara, dwar liema prospett tad-danni l-konvenut baqa’ ma ressaq ebda prova dwar fejn ma kienx qed jaqbel mal-ammont tad-danni mitluba ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi previa rigett tal-

eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talba tal-Korporazzjoni attrici u jilqa’ wkoll l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza, u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u tletin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€3,430.77), bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba sad-data tal-pagament effettiv ;

Spejjez a karigu tal-konvenut inkluzi dawk tal-kjamata fil-kawza li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom ukoll l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------